**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Dicembru 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 252/2020/2 JPG**
**Kawza Nru.: 36**

**TC**
**v.**
**MC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MC datat 5 ta' Frar 2021, a fol 2 et seqq., li wara li ddikjara dak premess huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

*"Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi.*

2. *Tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi spiccat mil-jum li l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti in materia tkun finali u konklussiva.*

3. *Tordna li l-beni li jibqghu formanti l-komunjoni tal-akkwisti jinqasmu mas-sentenza finali ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi.*

4. *Tordna n-notifika tal-ventwali sentenza taghha lid-Direttur tar-Registru*

*Pubbliku.*

Rat illi l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti, gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta ta' TC datata 2 ta' Marzu 2021, a fol 7 et seqq., li wara li ddikjarat dak premess, hija sostniet:

> *"Illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet rikorrenti minhabba r-ragunijiet moghtija f'din ir-risposta, partikolarment ai termini tal-Artikolu 55(4) minhabba li l-esponenti ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

Rat il-verbal tas-seduta tat- 13 t'Ottubru 2021 fejn l-avukat difensur tal-attrici informa lil din il-Qorti illi l-attrici tixtieq li tirtira l-eccezzjoni taghha u affermat li ma'ghadx ghandha oggezzjoni li jigi ddikjarat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;

Rat illi skond l-imsemmi verbal, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi xi jressqu jew trattazzjonijiet ulterjuri x'jaghmlu ghar-rigward ir-rikors tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u r-rikors seta' jithalla ghas-sentenza;

Rat d-dokumenti esebiti u l-atti u d-dokumenti kollha tal-kas;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-intimat permezz tar-rikors tal-hamsa (5) ta' Frar elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn talab lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> **"*Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*"**

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> "***In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.***"

Ghalkemm l-attrici fir-risposta taghha oggezzjonat ghat-talba tal-intimat in kwantu gie rilevat illi hija ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tas-separazzjoni, fis-seduta tat- 13 t'Ottubru 2021, **l-attrici irtirat l-oggezzjonijiet elenkati fir-risposta taghha** u dana kif jirrizulta mill-verbal tal-imsemmija seduta *a fol 37* tal-atti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Illi in vista ta' tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-intimat jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-intimat *in toto* u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-intimat MC.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**